MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2013

Rikors Numru. 37/2012

**AB**

***Vs***

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta:

Illi huwa zzewweg lill-intimata fis-16 ta' Lulju, 1957. Ic-Certifikat taz-Zwieg relattiv jinsab hawn unit u mmarkat bhala Dokument A.

Illi l-partijiet sseparaw *de facto* fit-12 ta' Settembru, 1986.

Illi fis-sitta (6) ta' Lulju, tas-sena elfejn u tnejn (2002) il-partijiet xoljew u llikwidaw il-kommunjoni ta' l-akkwisti u rrinunzjaw reciprokament ghad-dritt u ta' manteniment

permezz ta' kuntratt li kopja tieghu tinsab hawn unita u mmarkata bhala Dokument B.

Illi l-partijiet kellhom zewg ulied minn dan iz-zwieg, li huma tnejn maggorenni.

Illi ghaddew ferm iktar minn erbgha snin mid-data li fiha l-partijiet bdew jghixu separatament minn xulxin, u ma hemm ebda propsett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom.

Illi ghalhekk jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

Tiddikjara z-zwieg tieghu mal-intimata Maureen Cachia bhala mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u tordna ghaldaqstant lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku skont il-ligi, u dan kollu taht u suggett ghal kull provvediment xieraq u opportun li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Marzu, 2012;

Semghet lir-rikorrenti jixhed bil-gurament tieghu;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma ipprezentatx risposta u ma dehritx ghal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi biex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-6 ta Lulju, 2002 u ilhom de facto separati mit-12 ta' Settembru 1986;

Illi ir-rikorrenti irnexxielu ukoll jissodisfa lill-Qorti li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------